

**Brussell, 10 ta' Lulju 2026
(OR. en)**

11608/26

LIMITE

AG 112

NOTA PUNT "A"

minn:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti (Parti 2)
lil:	Kunsill
Suġġett:	Dikjarazzjoni dwar l-ittra mis-Sur Pascal SCHONARD, Direttur tal-Awtorità għall-Partiti Poliċi Ewropej u l-Fondazzjonijiet Poliċi Ewropej (APPF), dwar fatti li jitfgħu dubju fuq il-konformità tal-Partit Ewropa tan-Nazzjonijiet Sovrani mal-kundizzjonijiet ta' reġistrazzjoni relatati mal-valuri li fuqhom hija bbażata l-Unjoni - Approvazzjoni

1. Fit-22 ta' Mejju 2026, l-Awtorità għall-Partiti Poliċi Ewropej u l-Fondazzjonijiet Poliċi Ewropej ("l-Awtorità") infurmat permezz ta' ittra mibgħuta lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill u lill-Kummissjoni li waslet għall-attenzjoni tagħha fatti li jitfgħu dubji fuq il-konformità tal-Partit Ewropa tan-Nazzjonijiet Sovrani (ESN) mal-kundizzjonijiet għar-reġistrazzjoni bħala partit politiku Ewropew relatati mar-rispett għall-valuri tal-Unjoni, kif stabbiliti fl-Artikolu 3(1), il-punt (d) u l-punt (e) tar-Regolament 2025/2445 dwar l-istatut u l-finanzjament tal-partiti poliċi Ewropej u l-fondazzjonijiet poliċi Ewropej (riformulazzjoni)¹. L-ittra u l-annessi tagħha ġew iċċirkolati lid-delegazzjonijiet (dok. 9718/1/26 REV 1).

¹ ĠU L, 2025/2445, 8.12.2025.

2. Il-proċedura skattata mill-ittra tal-Awtorità skont ir-Regolament tinsab fid-dokument ST 10229/26. Il-Parlament Ewropew, il-Kunsill jew il-Kummissjoni għandhom il-possibbiltà li jiddikjaraw l-intenzjoni tagħhom li jressqu talba għal verifika fi żmien xahrejn mill-wasla tal-informazzjoni, li f'dan il-każ jiskadu fil-21 ta' Lulju. Skont ir-Regolament, huwa biżżejjed li waħda mill-istituzzjonijiet tippreżenta talba għal verifika biex tibda din tibda. Il-Parlament Ewropew iddeċieda li jressaq talba bħal din fis-sessjoni plenarja tiegħu tas-7 ta' Lulju.
 3. Fil-Kunsill, il-kwistjoni ġiet indirizzata fit-28 ta' Mejju u l-25 ta' Ġunju 2026 fil-Grupp ta' Ħidma dwar l-Affarijiet Ġenerali u fis-26 ta' Ġunju u l-10 ta' Lulju 2026 fil-Coreper. Fl-aħħar laqgħa tiegħu, il-Coreper qabel dwar it-test ta' abbozz ta' Dikjarazzjoni mħejji mill-Presidenza, filwaqt li ħa nota tal-vot fil-Parlament Ewropew.
 4. Il-Kunsill huwa għalhekk mistieden japprova t-test tad-Dikjarazzjoni, kif jinsab fid-dokument 11435/26, u jiddeċiedi li jagħmlu pubbliku.
-